



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.12.2007
KUMM(2007) 788 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni imwaqqaf mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-Artikolu 67 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra¹, jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta dispożizzjonijiet biex jimplimenta l-prinċipji dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali stabbiliti fl-Artikolu 65 ta' dan il-Ftehim qabel tmiem l-ewwel sena mid-dħul tiegħu fis-seħħ.

- **Kuntest ġenerali**

F'livell Komunitarju, is-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri huma kkoordinati mir-Regolament (KEE) Nru 1408/71² u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KEE) Nru 574/72³. L-Artikoli 65-68 tal-Ftehim mat-Tuneżija fihom dispożizzjonijiet għal koordinazzjoni limitata bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija. Teħtieġ Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilita mill-Ftehim biex il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 65 jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ.

Għadd ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi fihom dispożizzjonijiet simili dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din il-proposta hija parti minn pakkett ta' proposti li jinkludi proposti simili f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ftehimiet mal-Marokk, ma' l-Alġerija, l-Kroazja, ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u ma' l-Iżrael.

Biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità f'dan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, teħtieġ Deċiżjoni tal-Kunsill.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003⁴ jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom. Dan ir-Regolament diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Tuneżini fid-diversi Stati Membri rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 65 (2) tal-Ftehim mat-Tuneżija. Madankollu, billi r-Regolament (KE) 859/2003 huwa msejjes fuq it-Titolu IV tat-Trattat, id-Danimarka mhijiex marbuta bi jew suġġetta għal dan ir-Regolament, skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Dan japplika biss għar-Renju Unit u l-Irlanda, minħabba li, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iż-żewġ Stati Membri urew ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 859/2003.

¹ ĠU L 97, 30.3. 1998, p. 2.

² ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 392, 30.12.2006, p. 1).

³ ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 311/2007 (ĠU L 82, 23.3.2007, p. 6).

⁴ ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1.

- **Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni**

Fl-2004 l-UE nediet il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tifittex li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' sittax-il pajjiż li jmissu mal-fruntieri ta' l-Unjoni, inkluża t-Tuneżija, bil-ħsieb li jiġu evitati linji diviżorji ġodda fl-Ewropa, u għall-promozzjoni tal-paċi, l-istabilità u l-prosperità. Fil-kuntest ta' din il-politika, fl-4 ta' Lulju 2005, l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija adottaw permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, Pjan ta' Azzjoni li jistabbilixxi għanijiet miftiehma reċiprokament għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom f'medda wiesgħa ta' oqsma ta' linji politiċi fuq perjodu minn tlieta sa ħames snin. L-Objettiv 29 ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni jistqarr li l-partijiet se jħabirku, bħala prijorità fit-terminu l-qasir, biex jieħdu deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 65 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Din il-proposta għalhekk għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE u t-Tuneżija u għaldaqstant għat-twettiq ta' l-għanijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMA TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti

Il-karatteristiċi ewlenin ta' din il-proposta ġew diskussi mad-delegazzjonijiet ta' l-Istati Membri fil-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti, korp stabbilit mir-Regolament (KEE) Nru 1408/71. Id-delegazzjonijiet kellhom ukoll l-opportunità li jressqu noti dwar dan is-suġġett.

Sinteżi tat-tweġibiet u kif dawn ġew ikkunsidrati

Bosta mill-kummenti ta' l-Istati Membri kienu ta' natura ġenerali ħafna. Xi wħud minnhom, bħal dawk li jirreferu għall-hteġa tad-dispożizzjonijiet dwar il-verifiki amministrattivi u l-eżamijiet mediċi, tqiesu waqt din il-proposta. Kwistjonijiet oħra, b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar l-infurzar tal-multi amministrattivi, ma tqisux xierqa għall-inklużjoni fil-proposta għax jaqgħu barra mill-ambitu ta' l-Artikoli 65-68 tal-Ftehim mat-Tuneżija.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm hteġa ta' għarfien espert estern.

- **L-istima ta' l-impatt**

L-Artikoli 65-68 tal-Ftehim mat-Tuneżija fihom dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni limitata bejn is-sistemi ta' sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija. Għadd ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi fihom dispożizzjonijiet simili dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Kollha kemm huma jehteġu Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rilevanti biex il-prinċipji, kif stipulati fl-Artikolu 65, jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ.

Il-mira ta' l-Artikoli ta' hawn fil-qasam tas-sigurtà soċjali hija li ħaddiem mill-pajjiż assoċjat ikkonċernat jista' jirċievi ċerti benefiċċji ta' sigurtà soċjali skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat(i) Membru/i li għalih/għalihom huwa jew hija suġġett/a. Dan

japplika wkoll, permezz tar-reċiproċità, għal ċittadin ta' l-UE li qed jaħdem fil-pajjiż assoċjat.

Billi d-dispożizzjonijiet kollha fil-proposti inklużi fil-pakkett kurrenti tal-proposti fir-rigward ta' sitt pajjiżi assoċjati (il-Marokk, l-Alġerija, t-Tuneżija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Kroazja, u l-Iżrael) huma kważi identiċi, dan għandu jiffaċilita l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri. Jista' jkun hemm xi implikazzjonijiet finanzjarji għall-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dawn il-proposti, billi jridu jipprovd, pereżempju, il-benefiċċji kif imniżżel fl-Artikolu 65 tal-Ftehim mat-Tuneżija. Madankollu, dan l-Artikolu jikkonċerna biss lill-persuni li qegħdin jikkontribwixxu lis-sistema nazzjonali tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż ikkonċernat, kif stipulat skond il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu. Fi kwalunkwe każ, jista' jkun diffiċli li jitkejjel l-impatt preċiż ta' dawn il-proposti dwar is-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali f'dan l-istadju.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

• **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Din il-proposta hija magħmula minn Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim mat-Tuneżija u, fl-Anness, minn Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

Id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 67 tal-Ftehim mat-Tuneżija għal Deċiżjoni bħal din, biex tistabbilixxi il-prinċipji tas-sigurtà soċjali li jinsabu fl-Artikolu 65. Id-Deċiżjoni għalhekk fiha dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' daww id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 65 tal-Ftehim mat-Tuneżija li għadhom mhumieks koperti mir-Regolament (KE) Nru 859/2003 jew iddikjarati mill-Qorti li huma direttament applikabbli bħall-klawżola dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni li tinsab fl-Artikolu 65 (1). Dawn id-dispożizzjonijiet li jibqa' jikkonċernaw b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-Danimarka dwar l-aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiema Tuneżini fil-bosta Stati Membri u l-esportazzjoni ta' ċerti benefiċċji lejn it-Tuneżija.

Barra minn hekk, id-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tiżgura li d-dispożizzjonijiet dwar l-esportazzjoni tal-benefiċċji u l-għoti ta' benefiċċji familjari japplikaw ukoll permezz tar-reċiproċità, għall-ħaddiema ta' l-UE li huma impjegati legalment fit-Tuneżija u għall-membri tal-familja tagħhom residenti legalment fit-Tuneżija.

• **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 310 tat-Trattat b'konnessjoni ma' l-Artikolu 300 (2) tiegħu, l-ewwel sottoparagrafu, l-aħħar sentenza, u t-tieni sottoparagrafu tiegħu.

• **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għaldaqstant ma japplikax.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) kif ġej.

L-Istati Membri jibqa' jkollhom kompetenza esklussiva fid-determinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali tagħhom.

Il-proposta tiffaċilita biss il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija, għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi. Barra minn hekk, il-proposta ma taffettwa l-ebda drittijiet jew obbligi li ġejjin minn ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà soċjali konklużi bejn l-Istati Membri u t-Tuneżija fejn dawn ta' l-aħħar jipprovdu għal aktar trattament favorevoli tal-persuni kkonċernati.

Il-proposta tnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali, billi hija parti minn pakkett ta' proposti simili li jiżguraw applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jinsabu fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi.

- **Għażla ta' strumenti**

L-istrumenti proposti: Deċiżjoni tal-Kunsill (li fiha fl-Anness Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni).

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) kif ġej.

M'hemm l-ebda għażla alternattiva għall-azzjoni proposta. L-Artikolu 67 tal-Ftehim jitlob Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettiv. L-Artikolu 300 (2) tat-Trattat jipprovdi għal Deċiżjoni tal-Kunsill għall-għan li jkunu stabbiliti l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati fisem il-Komunità f'korp imwaqqaf minn Ftehim ta' Assoċjazzjoni, meta dak il-korp jintalab biex jadotta deċiżjonijiet li għandhom effetti legali.

4) **L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

5) **TAGĦRIF ULTERJURI**

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevdi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali), u s-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi għall-partijiet ċivili.

Id-dispożizzjonijiet fil-proposta relatati mal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini Tuneżini huma kważi identiċi għal daww taċ-ċittadini tal-pajjiżi assoċjati l-oħra. Dan għandu jwassal għal simplifikazzjoni tal-proċeduri u għal anqas piżijiet amministrattivi għall-istituzzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali.

Il-persuni li jaqgħu taħt din il-proposta m'humiex iffaċċjati minn dispożizzjonijiet nazzjonali differenti fir-rigward tal-prinċipji tas-sigurtà soċjali mniżżla fl-Artikolu 65 tal-Ftehim mat-Tuneżija, u jistgħu għalhekk joqogħdu fuq dispożizzjonijiet uniformi fi ħdan il-Komunità.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

A. Id-Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq mill-Ftehim Ewro-Mediterranju mat-Tuneżija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jikkjarifika r-relazzjoni legali bejn din id-Deċizzjoni tal-Kunsill u d-Deċizzjoni annessa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

B. Id-Deċizzjoni annessa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali mniżżla f'dan il-Ftehim.

Parti I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jiddefinixxi, għall-għanijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru u għall-għan tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija, it-termini "Ftehim", "Regolament", "Regolament ta' implimentazzjoni", "Stat Membru", "ħaddiem", "membru tal-familja", "leġislazzjoni", "benefiċċji" u "benefiċċji tal-familja", u jirreferi għar-Regolament u għar-Regolament ta' implimentazzjoni għat-termini l-oħra użati fid-Deċizzjoni annessa.

Artikolu 2

F'konformità mal-kliem ta' l-Artikolu 65 tal-Ftehim mat-Tuneżija, dan l-Artikolu jiddefinixxi l-persuni koperti mid-Deċizzjoni annessa.

Parti II

Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u t-Tuneżija

Din il-Parti tad-Deċizzjoni annessa tkopri l-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 65 (4) tal-Ftehim mat-Tuneżija kif ukoll il-klawżola ta' reċiproċità fir-rigward taċ-ċittadini ta' l-UE u l-membri tal-familji tagħhom, kif stipulat fl-Artikolu 65 (5).

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jniżżel l-oqsma tas-sigurtà soċjali msemija fl-Artikolu 65 (3) u (4) tal-Ftehim mat-Tuneżija li għalihom tapplika l-Parti II tad-Deċizzjoni annessa.

Artikolu 4

Dan l-Artikolu fih il-prinċipju ta' l-esportazzjoni tal-benefiċċji fi flus kif imniżżel fl-Artikolu 65 (4) tal-Ftehim mat-Tuneżija u jagħmilha ċara li l-prinċipju huwa limitat għall-benefiċċji mniżżla fl-Artikolu 1 (h) tad-Deċizzjoni annessa li telenka l-benefiċċji msemija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 5

Dan l-Artikolu jispeċifika liema persuni koperti minn din il-proposta huma intitolati għall-benefiċċji tal-familji f'isem l-istat kompetenti. Minn dan l-Artikolu isegwi b'mod ċar li, f'konformità ma' l-Artikolu 65 (3) tal-Ftehim mat-Tuneżija, m'hemmx intitolament għall-benefiċċji tal-familji għall-membri tal-familja ta' ħaddiem Tuneżin, jekk dawn il-membri tal-familja jgħixu barra t-territorju ta' l-Unjoni Ewropea.

Parti III

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali fir-rigward tad-Danimarka

Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 859/2003 diġà jkopri l-prinċipju ta' aggregazzjoni ta' perjodi ta' assigurazzjoni miksuba minn ħaddiem Tuneżin fi ħdan il-Komunità rigward l-intitolament għal ċerti benefiċċji, kif stipulat fl-Artikolu 65 (2) tal-Ftehim mat-Tuneżija. Madankollu, billi dan ir-Regolament huwa msejjes fuq it-Titolu IV tat-Trattat, skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex marbuta bi jew suġġetta għalih. Dan l-Artikolu għalhekk jagħmilha ċara li l-Danimarka għandha tuża d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 biex timplimenta l-prinċipju ta' aggregazzjoni msemmi hawn fuq.

Parti IV

Dispożizzjonijiet mixxellanji

Artikolu 7

Dan l-Artikolu fih dispożizzjonijiet ġenerali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tagħhom, min-naħa l-waħda, u t-Tuneżija u l-istituzzjonijiet tagħha, min-naħa l-oħra, kif ukoll bejn il-benefiċjarji u l-istituzzjonijiet ikkonċernati. Dawn id-dispożizzjonijiet huma simili għal dawk ta' l-Artikolu 84 (1), (2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u l-Artikolu 76 (3), (4), l-ewwel u t-tielet sottoparagrafi u (5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Artikolu 8

Dan l-Artikolu jistipula l-proċeduri għal verifiki amministrattivi u għal eżamijiet mediċi simili għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 51 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72. Barra minn hekk, jagħti lok għall-possibilità ta' adozzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra ta' implimentazzjoni f'dan il-qasam.

Artikolu 9

Dan l-Artikolu jirreferi għall-Anness II tad-Deċiżjoni annessa li huwa simili għall-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u għall-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, u li huwa meħtieġ biex jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni Tuneżina fir-rigward tad-Deċiżjoni annessa.

Artikolu 10

Kif stipulat fl-Artikolu 68 tal-Ftehim mat-Tuneżija, dan l-Artikolu jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet bilaterali li jipprovdu trattament aktar favorevoli jibqgħu fis-seħħ.

Artikolu 11

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-possibilità li jiġu konklużi Ftehimiet amministrattivi supplimentari.

Artikolu 12

Id-dispożizzjonijiet tranżitorji stipulati skond dan l-Artikolu jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet tranżitorji ta' l-Artikolu 94 (1), (3), (4), (6), u (7) tar-

Regolament (KEE) Nru 1408/71 kif ukoll ta' l-Artikolu simili 87 (1), (3), (4), (6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Artikolu 13

Dan l-Artikolu jikkjarifika l-istatus legali ta' l-Annessi għad-Deċiżjoni annessa u l-proċedura għall-amenda tagħhom.

Artikolu 14

Dan l-Artikolu fih proċedura li tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni annessa.

Artikolu 15

Dan l-Artikolu jikkjarifika d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni annessa.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni imwaqqaf mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel subparagrafu, l-aħħar sentenza, u t-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni⁵,

Billi:

- (1) L-Artikolu 67 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, jistipula li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta dispożizzjonijiet biex jimplimenta l-prinċipji dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali stabbiliti fl-Artikolu 65 ta' dan il-Ftehim qabel tmiem l-ewwel sena mid-dħul tiegħu fis-seħħ,
- (2) L-Objettiv 29, it-tieni inċiż, tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE u t-Tuneżija adottat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-4 ta' Lulju 2005 jitlob għall-adozzjoni mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' deċiżjoni li timplimenta l-Artikolu 65 tal-Ftehim imsemmi,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni imwaqqaf mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tal-Ftehim għandha tissejjes fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

ANNESS

ASSOĊJAZZJONI BEJN

L-UNJONI EWROPEA

U R-REPUBBLIKA TAT-TUNEŻIJA

- Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni -

DEĊIŻJONI Nru ./.... TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI

imwaqqaf mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra,

ta' ...

fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali mniżżla fil-Ftehim Ewro-Mediterranju

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 67 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 65-68 tal-Ftehim imsemmi jipprovdu għall-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tat-Tuneżija u ta' l-Istati Membri. L-Artikolu 65 jistabbilixxi l-prinċipji għal koordinazzjoni bħal din.
- (2) L-Artikolu 67 tal-Ftehim imsemmi jgħid ukoll li Deċizzjoni tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni għandha tistabbilixxi l-prinċipji mniżżla fl-Artikolu 65 qabel tmien l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ftehim.
- (3) L-Objettiv 29, it-tieni inċiż, tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE u t-Tuneżija adottat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-4 ta' Lulju 2005 jitlob għall-adozzjoni mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' deċizzjoni li timplimenta l-Artikolu 65 tal-Ftehim imsemmi.
- (4) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċizzjoni, id-dritt tal-ħaddiema Tuneżini għall-benefiċċji tal-familji huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-membri tal-familja tagħhom huma residenti legalment flimkien mal-ħaddiem ikkonċernat fl-Istat Membru fejn il-ħaddiem huwa impjegat. Id-Deċizzjoni ma tagħti l-ebda intitolament għall-benefiċċji tal-familji lill-membri tal-familja tagħhom li joqogħdu fi stat ieħor, eż it-Tuneżija.
- (5) Bħalissa, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumie x koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom. Dan ir-Regolament huwa msejjes fuq it-Titolu IV tat-Trattat. Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 859/2003 u għalhekk mhijiex marbuta bih jew suġġetta għalih. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tad-

Danimarka li jikkonċernaw dawk il-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 65 tal-Ftehim imsemmi, li huma diġà koperti b'dan ir-Regolament.

- (6) Jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċjali li jikkorrispondu mal-karatteristiċi speċjali tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali Tuneżini, biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-koordinazzjoni.
- (7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn Ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u t-Tuneżija li joffru vantaġġi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà soċjali.
- (8) Biex jiġi żgurat funzjonament bla tfixkil tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri u t-Tuneżija, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u t-Tuneżija kif ukoll bejn il-persuna kkonċernata u l-istituzzjoni ta' l-istat kompetenti.
- (9) Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet tranżitorji biex iħarsu lill-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni u li jiġi assigurat li ma jitilfux id-drittijiet bħala riżultat tad-dħul tagħha fis-seħħ.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

PARTI I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni:
 - (a) "Ftehim" ifisser il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra,
 - (b) "Regolament" ifisser ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali lill-persuni impjegati u lill-familji tagħhom li jispotaw ruħhom fi ħdan il-Komunità li japplikaw ukoll fl-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej;
 - (c) "Regolament ta' implimentazzjoni" jfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 li jstipula l-proċedura għar-Regolament ta' implimentazzjoni (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jispotaw ruħhom fi ħdan il-Komunità;
 - (d) "Stat Membru" jfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;
 - (e) "ħaddiem" ifisser,
 - (i) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, persuna impjegata fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1 (a) tar-Regolament;
 - (ii) għall-għanijiet tal-leġiżlazzjoni tat-Tuneżija, persuna impjegata fi ħdan it-tifsira ta' dik il-leġiżlazzjoni;

- (f) “membru tal-familja” jfisser,
 - (i) għall-għanijiet tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, membru tal-familja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1 (f) tar-Regolament;
 - (ii) għall-għanijiet tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija, membru tal-familja fi ħdan it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni;
- (g) “leġislazzjoni” tfisser,
 - (i) f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Istati Membri, leġislazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1 (j) tar-Regolament;
 - (ii) f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tuneżija, il-leġislazzjoni rilevanti li tapplika għat-Tuneżija relatata ma' l-oqsma tas-sigurtà soċjali li tikkonċerna l-età u l-pensjoni tas-superstiti, il-benefiċċji fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, jew fir-rigward ta' l-invalidità li tirriżulta minn dan, u l-benefiċċji tal-familji;
- (h) “benefiċċji” tfisser,
 - (i) f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Istati Membri:
 - pensjonijiet ta' l-età u tas-superstiti,
 - benefiċċji marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, jew
 - benefiċċji ta' l-invalidità marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol,
 fi ħdan it-tifsira tar-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji fi flus speċjali kontributorji kif stipulat fl-Anness IIa tar-Regolament;
 - (ii) f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tuneżija, il-benefiċċji korrispondenti pprovduti skond il-leġislazzjoni Tuneżina, bl-eċċezzjoni ta' benefiċċji fi flus speċjali mhux kontributorji kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.
- (i) "benefiċċji tal-familja" tfisser,
 - (i) f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Istati Membri, benefiċċji tal-familja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1 (u) (i) tar-Regolament;
 - (ii) f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tuneżija, benefiċċji tal-familji fi ħdan it-tifsira ta' dik il-leġislazzjoni.

2. Termini oħra użati f'din id-Deċiżjoni għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom fir-Regolament u fir-Regolament ta' implimentazzjoni.

Artikolu 2

Persuni koperti

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika:

- (a) għal ħaddiema li huma ċittadini tat-Tuneżija u li huma jew li kienu legalment impjegati fit-territorju ta' Stat Membru u li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u s-superstiti tagħhom,

- (b) għall-membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-paragrafu (a) sakemm huma residenti legali flimkien mal-ħaddiem ikkonċernat fl-Istat Membru fejn il-ħaddiem huwa impjegat,
- (c) għal ħaddiema li huma ċittadini ta' Stat Membru u li huma jew li kienu legalment impjegati fit-territorju tat-Tuneżija u li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni tat-Tuneżija, u s-superstiti tagħhom, u
- (d) għall-membri tal-familja tal-ħaddiema msemmija fil-paragrafu (c) sakemm huma residenti legali flimkien mal-ħaddiem ikkonċernat fit-Tuneżija.

PARTI II

IR-RELAZZJONIJIET BEJN L-ISTATI MEMBRI U T-TUNEŻIJA

Artikolu 3

Oqsma koperti

Il-Parti II ta' din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal-leġislazzjoni kollha ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija li għandha x'taqsam ma' l-oqsma li ġejjin tas-sigurtà soċjali:

- (a) benefiċċji marbutin ma' l-età;
- (b) benefiċċji għas-superstiti;
- (c) benefiċċji marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard marbut max-xogħol;
- (d) benefiċċji ta' l-invalidità marbutin ma' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u ma' mard marbut max-xogħol;
- (e) benefiċċji marbutin mal-familja.

Artikolu 4

Rinunzja ta' Klawżoli ta' Residenza

Il-benefiċċji fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1 (h) m'għandhomx ikunu suġġetti għall-ebda tnaqqis, bdil, sospensjoni, irtirar jew konfiska għar-raġuni tal-fatt li l-benefiċjarju qiegħed jgħix,

- (i) għall-finijiet ta' benefiċċju taħt leġislazzjoni Tuneżina, fit-territorju ta' Stat Membru, jew
- (ii) għall-finijiet ta' benefiċċju taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tat-Tuneżija.

Artikolu 5

Benefiċċji tal-Familja

Il-ħaddiema li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(c) għandhom jirċievu skond il-leġislazzjoni tat-Tuneżija benefiċċji tal-familji għall-membri tal-familji tagħhom li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 (d) fl-istess mod bħaċ-ċittadini Tuneżini.

PARTI III
**L-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SIGURTÀ SOĊJALI FIR-
RIGWARD TAD-DANIMARKA**

Artikolu 6

Dispożizzjoni ġenerali

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 65 (2) u (3) tal-Ftehim, id-Danimarka għandha tapplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 2 (a), sal-limitu meħtieġ, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament u r-Regolament ta' implimentazzjoni.

PARTI IV
DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

Artikolu 7

Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u t-Tuneżija għandhom jikkomunikaw lil xulxin kull tagħrif dwar:
 - (a) il-miżuri li ttieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 14;
 - (b) il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tagħhom li jistgħu jolqtu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija għandhom joffru lil xulxin l-aħjar għajnuna li jistgħu u għandhom jaġixxu daqs li kieku qegħdin jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Bħala regola, l-għajnuna amministrattiva mogħtija minn dawn l-awtoritajiet u istituzzjonijiet għandha tkun mingħajr ħlas. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija jistgħu jaqblu li ċerti spejjeż jitħallsu lura.
3. L-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri u tat-Tuneżija jistgħu, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, jikkomunikaw direttament ma' xulxin u mal-persuni involuti jew mar-rappreżentanti tagħhom.
4. L-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn din id-Deċiżjoni għandhom id-dmir ta' tagħrif u kooperazzjoni reċiproċi biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Deċiżjoni.
5. Il-persuni konċernati għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Membru kompetenti jew tat-Tuneżija, fejn ta' l-aħħar huwa l-istat kompetenti, u ta' l-Istat Membru ta' residenza jew tat-Tuneżija, fejn ta' l-aħħar huwa l-istat ta' residenza, mill-aktar fis possibbli dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni personali jew familjari tagħhom li tolqot id-dritt tagħhom għal benefiċċji skond din id-Deċiżjoni.
6. In-nuqqas ta' rispett lejn l-obbligu ta' tagħrif imsemmi fil-paragrafu 5, jista' jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri proporzjonali skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, dawn il-miżuri għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli f'sitwazzjonijiet simili taħt il-liġi domestika u m'għandhomx jagħmluha impossibbli jew diffiċli b'mod eċċessiv fil-prattika għal dawk li jagħmlu t-talba li jeżerċitaw id-drittijiet li tagħtihom din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Verifiki Amministrattivi u Eżamijiet Mediċi

1. Meta persuna koperta minn din id-Deċiżjoni u li qed tirċievi l-benefiċċji msemmija fl-Artikolu 1 (h) qed toqgħod jew tgħix
 - (i) għall-finijiet ta' benefiċċju taħt leġislazzjoni Tuneżina, fit-territorju ta' Stat Membru, jew
 - (ii) għall-finijiet ta' benefiċċju taħt il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, fit-territorju tat-Tuneżija,għandhom jitwettqu verifiki amministrattivi u eżamijiet mediċi, fuq talba ta' l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas, mill-istituzzjoni tal-post tal-permanenza jew tar-residenza tar-riċevitur skond il-proċeduri stipulati mil-leġislazzjoni amministrata mill-istituzzjoni imsemmija l-aħħar. L-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas, madanakollu, għandu jkollha d-dritt li r-riċevitur jiġi eżaminat minn tabib ta' l-għażla tagħha.
2. Stat Membru wieħed jew aktar flimkien mat-Tuneżija jistgħu, wara li jkunu għarrfu lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jiftiehm dwar dispożizzjonijiet amministrattivi oħra.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija

Jekk meħtieġ, jistgħu jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija fl-Anness II.

Artikolu 10

Aktar Ftehimiet bilaterali favorevoli

Din id-Deċiżjoni m'għandha taffettwa l-ebda dritt jew obbligu ġej minn Ftehimiet bilaterali fejn dan ta' l-aħħar jagħti lok għal aktar trattament favorevoli (tal-persuni kkonċernati).

Artikolu 11

Ftehimiet li jissupplementaw il-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

Żewġ Stati Membri jew aktar, jew it-Tuneżija u Stat Membru wieħed jew aktar, jistgħu, fejn ikun meħtieġ, jikkonkludu Ftehimiet imfassla biex jissupplementaw il-proċeduri amministrattivi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

PARTI V

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U TA' L-AĦĦAR

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. L-ebda dritt ma jista' jinkiseb taħt din id-Deċiżjoni għall-perjodu ta' qabel il-jum tad-dħul tagħha fis-seħħ.
2. Suġġett għall-paragrafu 1, dritt għandu jinkiseb skond din id-Deċiżjoni anke jekk dan jittratta kontinġenza li tqum qabel id-data tad-dħul tagħha fis-seħħ.

3. Kwalunkwe benefiċċju, inklużi l-benefiċċji tal-familja, li ma ngħatax jew li ġie sospiż minħabba ċ-ċittadinanza jew minħabba l-post ta' residenza tal-persuna konċernata għandu, fuq talba ta' din il-persuna, jingħata jew jitkompla b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sakemm id-drittijiet li għalihom kienu ngħataw benefiċċji qabel ma rriżultawx fi ħlas ta' somma waħda f'daqqa.
4. Jekk issir talba li għaliha saret referenza fil-paragrafu 3 fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet miksuba skond din id-Deċiżjoni għandu jkollhom effett minn dik id-data, u l-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Tuneżija li tikkonċerna t-telf jew limitazzjoni ta' drittijiet ma tistax tiġi invokata kontra l-persuni konċernati.
5. Jekk talba msemija fil-paragrafu 3 ssir wara li jispiċċa l-perjodu ta' sentejn wara l-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-drittijiet li ma jkunux intilfu jew li ma jkunux miżmuma biż-żmien għandu jkollhom effett mill-jum li fih tkun saret it-talba, dan iżda suġġett għad-disposizzjonijiet aktar favorevoli taħt il-leġiżlazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru jew tat-Tuneżija.

Artikolu 13

L-Annessi ma' din id-Deċiżjoni

1. L-Annessi ma' din id-Deċiżjoni huma parti integrali minnha.
2. Wara talba mit-Tuneżija, l-Annessi msemija jistgħu jiġu emendati bid-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 14

Miżuri ta' Implimentazzjoni

1. Kemm il-Komunità kif ukoll it-Tuneżija għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni u jikkomunikawhom lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu deċiżjoni li tikkonferma li ttieħdu l-miżuri kollha msemija fil-paragrafu 1.

Artikolu 15

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar li jiġi wara d-data tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni msemmi fl-Artikolu 14 (2).

ANNESS I

Il-lista tal-benefiċċji fi flus speċjali mhux kontributorji tat-Tuneżija

...

ANNESS II

Dispożizzjonijiet speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-Tuneżija

...